Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,541, 18 ta' Diċembru, 2020
Taqsima B

A.L. 463 tal-2020

ATT DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD
(KAP. 406)

Regolamenti tal-2020 li jemendaw is-Sitt Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 75 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, il-Ministru għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2020 li jemendaw is-Sitt Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Emenda Nru 2), u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mas-Sitt Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, liema Sitt Skeda hi minn hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħa "is-Sitt Skeda".

Kap. 406.

(2) Ir-regolament 3 għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji jista', b'avviż fil-Gazzetta, jistabbilixxi.

2. Il-partita 2 fit-Taqsima Wieħed tas-Sitt Skeda għandha tiġi emendata kif ġej:-

(a) fis-sub-partita (1), minflok il-kliem "l-ewwel sitta u tletin xahar kalendarju sħiħ" għandhom jidħlu l-kliem "l-ewwel erbgħa u għoxrin xahar kalendarju sħiħ"; u

(b) minnufih wara s-sub-partita (2), għandha tidħol sub-partita ġdida (3) kif ġej:

"(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-sub-partita (1) ta' din il-partita, fejn persuna li tirreġistra taħt l-artikolu 10 tagħmel talba lill-Kummissarju fi żmien sitt xhur mid-data ta' dik ir-reġistrazzjoni jew qabel id-data tal-iskadenza tal-ewwel denunzja tat-taxxa, liema minnhom tiġi l-aħħar, biex tikkonverti għal reġistrazzjoni taħt l-artikolu 11, il-Kummissarju jista' jaċċetta t-talba jekk ikun sodisfatt illi dik il-persuna tikkwalifika bħala intrapriża żgħira u soġġett għal tali kondizzjonijiet u limitazzjonijiet skont kif jistgħu jiġu determinati fiż-żmien li ssir it-talba.".

Jemenda t-Tabella fit-Taqsima Wieħed tas-Sitt Skeda.

3. Fit-Tabella li tinsab fl-aħħar tat-Taqsima Wieħed tas-Sitt Skeda:-

(a) fl-Ewwel Kolonna tar-ringiela B, minflok il-kliem "Attivitajiet ekonomiċi li jikkonsistu prinċipalment fi provvista ta' servizzi b'valur miżjud relattivament baxx" għandhom jidħlu l-kliem "Attivitajiet ekonomiċi oħra";

(b) fit-Tieni Kolonna tar-ringiela B, minflok iċ-ċifra "24,000" għandha tidħol iċ-ċifra "30,000";

(ċ) fit-Tielet Kolonna tar-ringiela B, minflok iċ-ċifra "19,000" għandha tidħol iċ-ċifra "24,000"; u

(d) ir-ringiela Ċ għandha titħassar.